**10 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmelo Zammit

*versus*

Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

**Il-Massima *quod non est in actis non est in mundo* - Tribunal - Ġudikant - Ammissibilita` jew Le tiegħu bħala Xhud tar-*res gestae* ta' l-Udjenzi - Il-Fatti Kollha Jridu Jkunu għad-Disposizzjoni ta' Kull Min Huwa Interessat fil-Proċess - Il-Massima *audiatur et altera pars***

*Il-massima* quod non est in actis non est in mundo *hija bażilari f'kull sistema proċedurali ta' l-ordinament ġuridiku.*

*Hemm żewġ korrolarji prinċipali ta' din il-massima; l-ewwel wieħed huwa li dak li jiġri, li jissuċċiedi, fit-tribunal waqt it-trattazzjoni ta' kawża għandu jirriżulta biss mill-verbali redatti mit-Tribunal stess.*

*Jew alternattivament, f'dawk il-każijiet fejn il-ġudikant jirrifjuta li jirreġistra fatt rilevanti għall-kawża, il-parti għandha tippreżenta Nota jew rikors seduta stante sabiex min ikun qed jippresjedi t-Tribunal jkun fil-posizzjoni li jipprovdi fuq il-fatt.*

*Ebda ġudikant infatti m'għandu jinbidel f'xhud ta' dak li ġara quddiemu fl-udjenza u la huwa u lanqas l-uffiċjali l-oħra tat-Tribunal ma huma ammessi bħala xhieda fuq ir-*res gestae *ta' l-udjenzi.*

*It-tieni korrolarju huwa li t-Tribunal għal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeċidi, jridu jirriżultaw mill-atti u l-ġudikant ma jistax juża jew jagħmel riferiment għal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża.*

*Dawn il-korrolarji, naturalment, huma ġuridikament saldati mill-prinċipju, daqstant ieħor bażilari, illi l-fatti kollha rilevanti għall-kawża jridu jkunu għad-disposizzjoni ta' kull min huwa interessat fil-proċess għall-kontroll, kontestazzjoni jew/u konferma. Il-kollegament ma' massima oħra tal-ġustizzja proċedurali ta'* audiatur et altera para *huwa ovvju.*

Il-Qorti:-

Bl-Att I ta' l-1992 twaqqfet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar (artikolu 3) (l-Awtorita`) kif ukoll Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp (artikolu 13) (il-Kummissjoni). Il-Kummissjoni għandha dawk il-funzjonijiet li jiġu delegati lilha mill-awtorita` artikolu 13(2) pero` għandha l-funzjoni li toħroġ il-permessi għall-iżvilupp - artikolu 13(3);

Twaqqaf ukoll Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar artikolu 14 - (il-Bord) biex, fost ħwejjeġ oħra:

"…. jisma' u jiddeċidi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b'deċiżjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar kull ħaġa ta' kontroll ta' l-iżvilupp, inkluż it-twettiq ta' dak il-kontroll" (artikolu 15(1)(a);

Finalment, l-Att jipprovdi wkoll illi:

"id-deċiżjonijiet tal-Bord kienu finali ħlief dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell" - artikolu 15(2);

L-appell preżenti huwa l-ewwel wieħed li qiegħed isir lil din il-Qorti minn mindu saret il-liġi msemmija fl-Att I ta' l-92;

Carmelo Zammit jiġġestixxi *Mini-Market* fin-numru 2, Triq Santu Wistin, San Ġiljan u talab il-permess ta' l-Awtorita` biex jikkonverti n-negozju f'pizzerija;

Fit-12 ta' Lulju, 1992 il-Kummissjoni ċaħdet it-talba ta'

Zammit;

Zammit talab li l-Kummissjoni terġa' tirrikonsidra t-talba tiegħu. Din saret u t-talba ġiet milqugħa fid-2 ta' Ottubru, 1993;

Wara protesti li ma jirriżultax preċiżament minn min billi meta saret ir-rikonsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet ta' diversi persuni interessati minn fost dawk li appellaw ukoll quddiem din il-Qorti bħala terzi interessati ma kinux fl-inkartament li l-Kummissjoni kkonsultat meta ħadet id-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru, 1993 il-Kummissjoni reġgħet ħadet konjizzjoni ta' l-applikazzjoni ta' Zammit u rritornat għall-ewwel deċiżjoni ta' ċaħda tat-12 ta' Lulju, 1993 u ħassret id-deċiżjoni favorevoli, wara r-rikonsiderazzjoni, dik tad-29 ta' Ottubru, 1993;

Zammit appella quddiem il-Bord u dan fit-2 ta' Diċembru, 1993 laqa' l-appell u ordna lis-Segretarju tal-Kummissjoni biex toħroġ il-permess mitlub, fi żmien ġimgħatejn minn dik id-data;

Kontra dik id-deċiżjoni tal-Bord, iċ-*Chairman* ta' l-Awtorita` intavola appell għan-nom tagħha, filwaqt li diversi persuni - kemm fiżiċi u kemm ġuridiċi - appellaw ukoll bħala terzi nteressati;

L-Awtorita` fl-ewwel lok issottomettiet li d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla għaliex mhux il-membri kollha ta' l-istess Bord kienu preżenti meta saru xi seduti jew udjenzi jew aċċessi fuq il-post;

It-terzi interessati wkoll jippretendu li d-deċiżjoni hija nulla għaliex (a) din irrevokat deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju, 1993 mentri dik id-deċiżjoni ttieħdet fis-27 ta' Ġunju, 1994 fl-10 a.m. "fil-presenza ta' l-applikant innifsu". L-appell ta' Zammit lill-

Bord għalhekk, li sar fis-27 ta' Lulju, 1994 kien null għaliex *fuori termine*. Barra minn dan, (b) il-Perit Konrad Buhagiar, membru tal-Bord, ma kienx preżenti matul il-proċeduri kollha. Ma jirriżultax li sar verbal bil-konstatazzjonijiet li saru matul l-aċċess; (c) waqt l-istess aċċess ħadd mit-terzi interessati ma ngħata l-opportunita` li jitkellem;

Il-massima *quod non est in actis non est in mundo* hija bażilari f'kull sistema proċedurali ta' l-ordinament ġuridiku;

Hemm żewġ korollarji prinċipali ta' din il-massima; l-ewwel wieħed huwa li dak li jiġri, li jissuċċiedi, fit-Tribunal waqt it-trattazzjoni ta' kawża għandu jirriżulta biss mill-verbali redatti mit-Tribunal stess jew alternattivament, f'dawk il-każijiet fejn il-ġudikant jirrifjuta li jirreġistra fatt rilevanti għal kawża, il-parti għandha tippreżenta Nota jew Rikors seduta stante sabiex min ikun qed jippresjedi t-Tribunal ikun fil-posizzjoni li jipprovdi fuq il-fatt;

Ebda ġudikant infatti m'għandu jinbidel f'xhud ta' dak li ġara quddiemu fl-udjenza u la huwa u lanqas l-uffiċjali l-oħra tat-Tribual ma huma ammessi bħala xhieda fuq ir-*res gestae* ta' l-udjenzi;

It-tieni korrolarju huwa li t-Tribunal għal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeċidi, jridu jirriżultaw mill-atti u l-ġudikant ma jistax juża jew jagħmel riferiment għal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża;

Dawn il-korrolarji, naturalment, huma ġuridikament saldati mill-prinċipju, daqstant ieħor bażilari, illi l-fatti kollha rilevanti

għall-kawża jridu jkunu għad-disposizzjoni ta' kull min huwa interessat fil-proċess, għall-kontroll, kontestazzjoni jew/u konferma. Il-kollegament ma' massima oħra tal-ġustizzja proċedurali ta' *audiatur et altera pars* huwa ovvju;

Din l-enunċjazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali kienet neċessarja sabiex tiftiehem aħjar l-applikazzjoni tagħhom fl-appell preżenti;

L-ewwel mankanza ta' natura amministrattiva, imma vitali, fin-natura ta' kull proċediment ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju (fis-sens illi jkun proċediment li għandu l-poter li jiddefinixxi drittijiet u obbligazzjonijiet (hu) li meta ġie ppreżentat dan l-appell quddiem din il-Qorti r-rikorsi ta' l-appellanti ma kinux akkompanjati mill-atti kollha li kellu quddiemu l-Bord. L-istess deċiżjoni tal-Bord li hija appellata ġiet ippreżentata bħala dokument B - *niente di meno* fotokopja, mhix firmata jew b'xi mod ieħor ċertifikata, tant illi l-Qorti kellha tordna li l-istess tiġi ffirmata minn Carmelo sive Charles Schembri, li ppreżenta ruħu bħal s-Segretarju tal-Bord - artikolu 15(7);

It-terzi interessati mbagħad, mar-rikors ta' appell tagħhom, ippreżentaw fotokopji tal-"verbali" tal-Bord - dokumenti TA2 u TA4 tas-seduti tat-30 ta' Settembru, 1994 u l-4 ta' Novembru, 1984. Dawn il-fotokopji ma kellhom ebda attestazzjoni ta' awtentiċita` u meta mbagħad il-Qorti ġiet anke kkonfrontata b'fotokopja ta' dokument intitolat "Noti tal-President" miktub bl-idejn - dokument TA3 - din il-Qorti kellha tindaga kif "dokument" bħal dak wasal quddiemha, għaliex huwa manifest illi n-notamenti li kull ġudikant jista' jieħu waqt il-proċediment m'humiex ammissibbli bħala prova sakemm ma jkunx l-istess ġudikant li jdaħħalhom huwa stess fl-

atti proċesswali;

Għalhekk kellu jinstema' bħala xhud is-Segretarju tal-Bord, Carmelo Schembri, biex jispjega kif dak id-dokument TA3 bin-"Noti tal-President" ġie f'idejn l-avukat tat-terzi interessati. Irriżulta effettivament li dawk il-fotokopji tad-dokumenti oriġinali ġew rilaxxjati bil-permess tal-President tal-Bord - Dottor Kevin Aquilina;

L-appellanti qegħdin jillamentaw min-nuqqasijiet proċedurali u jitolbu l-konsegwenti nullita' tad-deċiżjoni;

*In-nullita' ta' l-atti ġudizzjarji hija eċċezzjoni gravi u tiġi* milqugħa biss meta n-nuqqasijiet ikunu jew speċifikament sanzjonijiet mil-liġi jew, formalment, ma jkunux jistgħux jiġu konċiljati ma' xi massima fundamentali tal-ġustizzja proċedurali - artikoli 789 u 790 Kap.12;

L-appellanti qed jallegaw illi għal waħda miż-żewġ seduti li saru u fl-aċċess mhux il-membri kollha tal-Bord kienu preżenti;

Il-Qorti, natularment, hija ggwidata minn prinċipju bażilari ieħor, u ċjoe' dak li jgħid li għandha tippreżumi li l-atti tal-Bord saru *recte et rite* imma sabet diffikolta' biex tasal għal din il-preżunzjoni għal dak li jirrigwarda x'sar u ma sarx fl-aċċess. Id-deċiżjoni tgħid:

"(Il-Bord) żamm aċċess fis-sit in kwistjoni nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 1993 bejn it-tlieta u nofs u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar";

u dan għal din il-Qorti huwa biżżejjed bħala prova li l-aċċess

sar mill-Bord u mhux mill-President biss tal-Bord;

Sfortunatament pero`, billi hemm allegazzjonijiet mir-rikorrenti appellanti fuq x'ġara waqt dan l-aċċess, il-Qorti, fin-nuqqas ta' verbal ta' l-istess li jirreġistra ir-*res gestae*, ma tistax tikkontrolla permezz ta' dak il-verbal l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti, u x'ġie kkonstatat mill-Bord;

Dan in-nuqqas għandu żewġ riflessi;

L-ewwel wieħed huwa li għalkemm in-"Noti tal-President" jindikaw dak li ġie kkonstatat fl-aċċess, dawk il-konstatazzjonijiet ma kinux għad-disposizzjoni ta' l-interessati kollha kif kien ikun kieku sar il-formali verbal solitu f'dawn iċ-ċirkostanzi u allura huma jistgħu jillamentaw li ma kinux jafu qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni x'ġie a konjizzjoni tal-Bord bħal fatt jew fatti mill-aċċess. Bir-rigward kollu wkoll dawk in-"Noti" li donnhom lanqas ma huma kompleti, għandhom impronta personali u m'humiex faċilment deċifrabbli;

It-tieni rifless huwa li ma jistax lanqas jiġi kkontrollat, minn din il-Qorti, jekk hijiex minnha jew le l-allegazzjoni ta' l-appellanti li huma ma tħallewx fl-aċċess jindikaw lill-Bord x'għandu u x'm'għandux jikkonstata bħala fatt jew fatti rilevanti għal deċiżjoni wara u mill-eżami viżiv tas-sit, tal-fond u ta' l-ambjent;

It-tieni kunsiderazzjoni fuq il-kwistjoni tan-nullita` hija ta' anqas piż imma xorta waħda ma tistax tiġi kompletament traskurata;

Din tirrigwarda d-dokument TA4 fejn hemm hekk fil-fotokopja:

"Estratt meħud mill-Bord Nru. 41, iddatat 4 ta' Novembru, 1994 ippresjeduta miċ-*Chairman* Dr. K. Aquilina";

Estratt ta' wieħed, *huwa kjarament insuffiċjenti għall-iskopijiet* ta' l-operat ta' din il-Qorti;

Billi dan huwa l-ewwel appell mill-Bord li din il-Qorti qed tittratta hija ħasset li ma huwiex ġurisprudenzjali li tistaqsi lis-Segretarju tal-Bord xi tfisser "estratt" f'dan il-kontest ta' atti ta' Tribunal sottomessi lill-Qorti ta' l-Appell u lanqas, jekk id-differenza fil-verbali taż-żewġ seduti dik tat-30 ta' Settembru, 1994 - dokument TA2 - fejn *jingħad illi* l-udjenza kienet:

"Ippresjeduta miċ-*Chairman* Dr. K. Aquilina u l-membri";

u dak tas-seduta tal-4 ta' Novembru, 1994 fejn jingħad illi dik is-seduta kienet:

".... ippresjeduta miċ-*Chairman* Dr. K. Aquilina (dokument TA4)";

i.e. dik id-differenza fl-indikazzjoni tal-presenzi, għandhiex b'xi *mod sinjifikat* kif qed jallegaw l-appellanti rigward il-presenza o meno tal-membri kollha tal-Bord fis-seduta;

Kollox ikkonsidrat, imma prinċipalment, fuq kollox, in-neċessita' ġurisprudenzjali li b'din l-ewwel okkażjoni li għandha din il-Qorti ta' l-Appell tindika x'inhuwa assolutament neċessarju biex hija, fil-limiti *komminati mil-liġi li tirrevedi* biss l-applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt, huwa impellenti li d-deċiżjoni tal-Bord tat-2 ta' Diċembru, 1994 tiġi annullata;

Huwa manifest illi billi l-atti oriġinali tal-Bord qatt ma nġiebu quddiem din il-Qorti dawk ma jistgħux jintbagħtu lura - kif kien ikun korrett u li normalment isir. Għalhekk huwa neċessarju li r-Reġistratur ta' dawn il-Qrati jibgħat fotokopja awtentika ta' kull ma sar quddiem din il-Qorti quddiem il-Bord sabiex dan jerġa' jisma' l-vertenza u jirregola l-proċediment kollu kif jidhirlu xieraq skond il-prinċipji bażilari tal-ġustizzja proċedurali;

Ir-Reġistratur m'għandux jibgħat fotokopji tad-deċiżjoni tal-Bord, li anke f'dan il-proċess huma ripetuti;

L-ispejjeż kollha jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kollha.